# MALTA

## QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
## MAĠISTRAT DR. NADIA H. VELLA
## B.A., LL.D., Dip. Trib. Eccl. Melit.,

Seduta ta' nhar il-11 ta' Novembru 2024

Avviż Numru: 67/2024NHV

**MAKS Engineering Limited**
(C101701)

**vs.**

**Cassar Fuel Limited**
(C28453)

Il-Qorti

Rat l-**Avviż** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-3 ta' April 2024, li permezz tiegħu, is-soċjetà attriċi talbet il-ħlas mingħand is-soċjetà konvenuta tas-somma ta' sebat'elef disa' mija u ħdax-il ewro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€7,911.44) rappreżentanti l-prezz għal servizzi relatati ma' Quantity Surveying kollox kif jirriżulta mill-kuntratt anness mal-istess Avviż bħala Dokument A u skont kif jidher mill-fatturi relattivi wkoll annessi mal-Avviż bħala Dokument B.

Ġew mitluba wkoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali bin-numru 3403/2023 kontra s-soċjetà konvenuta, inġunta in subizzjoni.

Rat li mill-atti jirriżulta li għalkemm is-soċjetà konvenuta ġiet debitament notifikata kemm bir-rikors promotur u wkoll bl-Avviż tas-Smigħ tal-kawża u dana fil-11 ta' April 2024, hija ma kkontestatx il-kawża sal-ewwel seduta ffissata għas-smigħ tal-kawża ossija s-17 ta' Mejju 2024 u lanqas ma dehret għal din is-seduta.

Illi fis-seduta tas-17 ta' Mejju 2024, is-soċjetà rikorrenti ppreżentat kapitolu fil-konfront tas-soċjetà intimata u l-kawża ġiet differita għas-subizzjoni għall-5 ta' Ġunju 2024.

Illi nhar il-5 ta' Ġunju 2024, fis-seduta deher Mark Cassar in rappreżentanza tas-soċjetà intimata debitament assitit, liema soċjetà talbet l-awtorizzazzjoni sabiex tippreżenta r-risposta tagħha fit-terminu li jogħġobha tagħti din il-Qorti.

Illi permezz ta' digriet ta' din il-Qorti mogħti nhar is-7 ta' Ottubru 2024, il-Qorti **ċaħdet** it-talba tas-soċjetà intimata sabiex tippreżenta r-risposta tagħha f'dak l-istadju u konsegwentement iddikjarat lis-soċjetà intimata bħala kontumaċi;

Illi fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2024, is-soċjetà rikorrenti ddikjarat illi kienet qiegħda tistrieħ fuq il-provi ġja prodotti u cioe:

- Id-dokument A[1] anness mar-rikors promotur li jikkonsisti f'kuntratt iddatat il-25 ta' Frar 2022, fejn is-soċjetà intimata inkarigat lis-soċjetà rikorrenti tagħmel xogħol ta' "Quantity Surveyor"bil-prezzijiet hemmhekk miftehma;
- Id-dokument B[2] anness mar-rikors promotur li jikkonsisti f'żewġ fatturi maħruġin mis-soċjetà rikorrenti lis-soċjetà intimata ammontanti waħda għal €4234.73 u l-oħra għal €3676.71;
- ix-xiehda ta' Maurizio Schembri[3] in rappreżentanza tas-soċjetà rikorrenti fejn huwa kkonferma illi l-ammont mertu ta' din il-kawża kien dak ta' sebat'elef disa' mija ħdax-il ewro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€7,911.44) u li dak l-ammont kien għadu dovut;

[1] Fol. 2 tal-proċess;
[2] Fol. 5 tal-proċess;
[3] Minnu mogħtija nhar is-17 ta' Mejju 2024, fol. 15 tal-proċess;

**Ikkunsidrat**

Is-soċjetà rikorrenti kkonfermat bil-ġurament illi l-ammont minnha pretiż għadu dovut u ma tħallasx lanqas in parte. Illi hija ippruvat għal xiex dan l-ammont ġie dovut u esebiet il-fatturi relattivi in sostenn tat-talba tagħha. Fil-fehma tal-Qorti dana jfisser li t-talba tagħha ġiet sodisfaċentment ippruvata.

**Deċide**

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjetà attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, il-Qorti tilqa` t-talba attriċi u konsegwentement tikkundanna lis-soċjetà intimata Cassar Fuel Limited tħallas lis-soċjetà attriċi is-somma ta' sebat'elef disa' mija u ħdax-il Ewro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€7,911.44) bl-imgħax legali dekorribbli mid-data tal-aħħar fattura u cioe mis-7 ta' Marzu 2023, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, kif mitluba, huma a kariku tas-soċjetà konvenuta.

**Dr. Nadia H. Vella**
Maġistrat

**Naomi Bonello**
Deputat Reġistratur